# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru: 357/20**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Zerafa)**

**vs**

**KASIM GHASSAN**

**Illum, 20 ta' Lulju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi KASIM GHASSAN detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 175381A, tressaq quddiemha akkukat talli nhar is-16 ta' Lulju 2020 ghall-habta ta' saghtejn ta' filghodu (02:00hrs) u/jew fil-granet u x-xhur ta' qabel gewwa 63, Triq il-Kbira, Tarxien u/jew gewwa bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:-

1. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil ex-siehba tieghek Claire Vella meta kien jaf jew missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna.

2. Bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ex-siehba tieghu Claire Vella, biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra

l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti jew ahwa, meta ken jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tieghu se tikkaġuna lil Claire Vella, biza'.

3. Ghamel lil ex-siehba tieghu Claire Vella ingurji u/jew theddid jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Claire Vella u/jew persuni ohra billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija jigu applikati l-provvedimenti ta' l-artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-Ufficjal Prosekutur qrat l-akkuzi u konfermathom bil-gurament;

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali ghall-finijiet tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami, l-imputat li wiegeb li huwa hati;

Rat illi gew osservati d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi l-Qorti fattwalment issospendiet il-prezentata sabiex taghtih zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-

difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u wara li fissritlu l-piena erogabbli ghal kull wahda.

Rat id-dokumenti kollha prodotti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ghall-akkuzi kollha li jinsab mixli bihom, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi u bhala qorti ta' gudikatura kriminali, ghandha tghaddi 'l quddiem biex taghti lill-istess imputat dik is-sentenza li ghandha tinghata fil-konfront tieghu skont il-ligi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-fatt li l-ammissjoni saret fl-iktar stadju bikri tal-proceduri u l-fatt illi l-fedina penali tal-imputat hija kompletament nadifa. Hadet qies ukoll tal-fatt illi l-imputat jidher li sab diffikolta` li jaccetta t-terminazzjoni tar-relazzjoni li kellu fuq medda ta' circa sentejn ma' Claire Vella, is-siehba ta' qabel tieghu, u li kienet proprju din il-frustrazzjoni li qanqlet fih emozzjonijiet li ssarfu f'imgieba li lahqet il-qofol taghha f'dawn l-ahhar gimghat kif deskritt mill-istess Claire Vella fir-rapport tal-okkorrenza (Dok. SZ4) u fir-*risk assessment* kondott mid-Domestic Violence Unit fis-16 ta' Lulju 2020 (Dok. SZ5).

Huwa minnu illi dan l-agir huwa kundannabbli u qatt ma jista' jkun accettabbli illi min jittermina relazzjoni jispicca vittma ta' vjolenza privata u fastidju. Madanakollu, mis-sottomissjonijiet li saru ghall-finijiet tal-piena, jidher li l-imputat illum fehem li wasal iz-zmien biex jaccetta li r-relazzjoni tieghu ma' Claire Vella intemmet darba ghal dejjem u illi l-agir tieghu fil-konfront taghha jammonta ghal agir kriminali punibbli bi prigunerija.

Mizmumin ferm dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tqisx illi l-piena ta' prigunerija, u lanqas dik tal-multa fl-ammonti sostanzjali kif stabbiliti fl-Artikoli 251A u 251B tal-Kap. 9, huma idonei bhala piena f'dan il-kaz. Minflok, hija tal-fehma illi mehud qies ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, ma jkunx spedjenti li twahhal piena lill-imputat izda ghandha minflok taghmel ordni li biha tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perijodu ta' tliet mil-lum.

Inoltre, ghalkemm il-Qorti ma hijiex ser twahhal piena lill-imputat, tqis li f'kull kaz, huwa spedjenti li tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Claire Vella u ghaldaqstant sejra tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin ghall-finijiet tal-Artikolu 382A tal-Kap 9 lienma Ordni ghandha tibqa' fis-sehh ghall-istess perijodu ta' tliet snin.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 251A, 251B, 251H(a) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti ssib lil KASIM GHASSAN hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum.**

**Il-Qorti fissret lill-hati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` ta' Claire Vella u ghall-protezzjoni taghha kontra fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, qieghda tohrog Ordni ta' Trazzin kontra KASIM GHASSAN taht il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment, liema Ordni ghanda tibqa' fis-sehh ghal zmien tliet (3) snin.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**